MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1046/2002

**Isabelle Pace f'isimha proprju u kif ukoll bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri Francesca Pace.**

**vs**

**1. Adrian Pace;**
**2. Louis Camilleri;**
**3. Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fil-25 ta' April 2002, l-attrici tat wild ghal tarbija ta' sess femminili bl-isem ta' Francesca (vide Dok. "A");

Illi fic-certifikat tat-twelid ta’ din it-tarbija (Att Numru 1852/2002) isem il-missier ta’ din it-tarbija gie erronjament indikat bhala l-konvenut Adrian Pace;

Illi l-attrici u l-imsemmi Adrian Pace kienu ilhom zmien twil separati *de facto* u kienu anke sseparaw b’kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali pubblikat fid-9 ta’ April 2002 in atti Nutar Nicholas Vella;

Illi minhabba illi bejn id-data tas-separazzjoni konsenswali u d-data tat-twelid tat-tarbija ma kienx ghadda t-terminu stabbilit bil-ligi, isem il-missier, necessarjament u *ex lege*, gie registrat bhala l-konvenut Adrian Pace;

Illi l-imsemmi konvenut Adrian Pace m’huwiex il-missier naturali ta’ Francesca Pace kif rikonoxxut kemm minnu stess (vide Dok. “B”) u kif ukoll mill-attrici (vide Dok. “C”) u minn kulhadd, izda huwa l-konvenut l-iehor Louis Camilleri kif jirrikonoxxi huwa stess (vide Dok. “D”);

Illi ghaldaqstant, jehtieg illi jigi dikjarat illi l-missier naturali tal-minuri, Francesca Pace, huwa l-konvenut Louis Camilleri u mhux il-konvenut l-iehor Adrian Pace, u li tigi registrata l-appozita korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid ta’ l-imsemmija minuri Francesca Pace;

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri Francesca Pace huwa l-konvenut Louis Camilleri u mhux il-konvenut l-iehor Adrian Pace kif gie erronjament indikat fl-att tat-twelid ta’ l-imsemmija minuri; u

2. Tordna lill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jannota d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-minuri Francesca Pace (Att Numru 1852/2002) billi fil-kolonna ta’ isem il-missier, kif ukoll id-dettalji l-ohra relattivi, ihassar isem il-konvenut Adrian Pace u

jissostitwih bl-isem u d-dettalji tal-konvenut l-iehor Louis Camilleri.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti a fol. 4 tal-process;

Rat it-talba tal-konvenut Louis Camilleri tat-28 ta’ Gunju 2002 fejn talab li jkun ammess ghall-beneficcju gratuitu;

Rat id-digriet ta’ l-4 ta’ Jannar 2002 fejn il-Qorti tilqa` t-talba u tassenja lir-rikorrent bhala Difensuri, l-Avukat u l-Prokuratur Legali li lilhom imiss it-turn;

Rat ir-rikors ta’ Louis Camilleri tas-6 ta’ Awissu 2002 fejn talab lill-Qorti sabiex jinnotifika lill-konvenut l-iehor, Adrian Pace, bit-talba tieghu, wara l-hinijiet legali;

Rat id-digriet tas-6 ta’ Awissu 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat id-digriet ta’ l-4 ta’ Settembru 2002 fejn gew assenjati bhala difensuri, l-Avukat Dr. Chris Cilia u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, Adrian Pace, tat-18 ta’ Ottubru 2002 fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha *stante* illi l-minuri Francesca Pace giet koncepita fi zmien meta l-eccipjenti u l-attrici Isabelle Pace *proprio* kienu diga` ilhom mifruda *de facto* ghal zmien twil, u cjoe` ghal aktar mill-perjodu ta’ tliet mitt jum (300) rikjest mill-ligi, u effettivament l-eccipjenti mhux il-missier naturali ta’ l-imsemmija minuri.

2. Illi b’danakollu, fir-rigward tat-tieni talba, jehtieg illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jigi ordnat ukoll illi jeffetwa d-debita korrezzjoni fil-kunjom illi bih ghandha

tkun maghrufa l-minuri, Francesca Pace, b'dan li l-istess minuri ghandha, skond il-ligi, tigi registrata mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, bil-kunjom tal-missier naturali taghha, u ghalhekk jidher illi jehtieg illi ssir id-debita korrezzjoni fic-citazzjoni odjerna.

3. Illi fic-cirkostanzi, l-eccipjenti ma ghandux jigi kkundannat illi jsofri l-ispejjez tal-prezenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, Adrian Pace, a fol. 31;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti (a fol. 32);

Rat il-**kontro-talba** tal-konvenut Adrian Pace (a fol. 33);

Illi l-konvenut rikonvenjenti, Adrian Pace, u l-attrici rikonvenuta *proprio*, kienu mizzewgin ghal perjodu ta' madwar hdax (11)-il sena, sakemm isseparaw *de facto* meta l-istess attrici rikonvenuta *proprio* telqet mid-dar matrimonjali nhar is-6 ta' Settembru 2000;

Illi effettivament ir-relazzjonijiet sesswali bejn l-istess konvenut rikonvenjenti, Adrian Pace u l-attrici rikonvenuta *proprio*, kienu ilhom illi naqqsu u eventwalment sfaw fix-xejn ghal perjodu ta' madwar sena u nofs qabel tali separazzjoni *de facto;*

Illi l-konvenut rikonvenjenti, Adrian Pace u l-attrici rikonvenuta proprio, kkonkludew separazzjoni konsenswali bejniethom permezz tal-kuntratt relattiv fl-Atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, minnu ppublikat fid-9 ta' April 2002;

Illi hmistax (15)-il gurnata biss wara tali separazzjoni legali, u cjoe` fil-25 ta' April 2002, l-attrici rikonvenuta proprio welldet tarbija li nghatat l-isem "Francesca", skond ma jidher mill-att tat-twelid relattiv bin-numru 1852/2002 li diga' gie esebit mill-attrici proprio et nomine bhala Dok. A;

Illi *ai termini* ta' l-**artikolu 68 tal-Ligijiet ta' Malta,** l-imsemmija minuri, Francesca, giet registrata, necessarjament u *ex lege,* bhala bint il-konvenut rikonvenjenti, Adrian Pace;

Illi effettivament kemm l-attrici rikonvenuta proprio u kif ukoll il-konvenut rikonvenjenti, Adrian Pace, jeskludu bl-aktar mod kategoriku illi l-minuri, Francesca Pace, tista' tkun il-wild naturali ta' l-istess konvenut rikonvenjenti, Adrian Pace, u dan billi fiz-zmien bejn it-tliet mitt (300) gurnata u l-mija u tmenin (180) gurnata qabel it-twelid tat-tarbija, l-istess kontendenti hawnhekk imsemmija kienu separati *de facto* u ma kien hemm l-ebda rikonciljazzjoni bejniethom f'dan iz-zmien, u dan anke kif ammess fid-dokumenti ga' annessi mac-citazzjoni bhala Dok. “B” u Dok. “C”;

Peress illi *inoltre* l-konvenut, Louis Camilleri, jammetti illi huwa l-missier naturali tat-tarbija, Francesca Pace, u dan skond ma jidher ukoll mid-dokument ga' anness mac-citazzjoni attrici bhala Dok. “D”;

Tghid ghalhekk l-attrici rikonvenuta *proprio et nomine* ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut rikonvenjenti Adrian Pace mhux il-missier naturali tal-minuri, Francesca Pace, kif dikjarat fl-att tat-twelid relattiv bin-Numru 1852/2002;

2. Taghti kull provvediment iehor ancillari u sussegwenti naxxenti mid-dikjarazzjoni msemmija fl-ewwel talba, ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenuta *proprio et nomine* li tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-3 ta' Dicembru 2002 fejn gie eccepit:-

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghall-gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 1852 tas-sena 2002 m’huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

3. Illi l-attrici ma specifikatx id-dettalji kollha kif qed titlob li jigu emendati *se mai* din l-Onorabbli Qorti tilqa` dawn it-talbiet ta’ l-attrici.

4. Illi l-Avukat Generali ghadu ma giex notifikat b’din ic-citazzjoni skond l-**artikolu 181B tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili**.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tad-Direttur tar-Registru Pubbliku (a fol.39);

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-4 ta’ Frar 2003 fejn inghata digriet ta’ l-affidavits tal-partijiet b’terminu ta’ erbghin (40) jum kull wiehed; tas-6 ta’ Mejju 2003 fejn Dr. Chris Cilia pprezenta l-affidavit ta’ l-attrici;
Rat in-nota tal-konvenut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku tas-7 ta’ Mejju 2003 fejn permezz taghha nfurmat lill-Qorti li hemm zball fl-affidavit ta’ l-attrici, Isabelle Pace, fejn minflok il-kliem “*l-missier naturali taghha huwa l-konvenut Louis Camilleri u Adrian Pace*” ghandhom jidhlu l-kliem “l-missier naturali taghha huwa l-konvenut Louis Camilleri u mhux Adrian Pace” u ghalhekk tehtieg korrezzjoni skond il-ligi.

Rat il-verbal tat-8 ta’ Ottubru 2003 fejn Dr. Chris Cilia talab li ssir il-korrezzjoni suggerita mid-Direttur tar-Registru Pubbliku u l-Qorti laqghet it-talba; u tat-8 ta’ Ottubru 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** fl-affidavit taghha tghid:-

*"Illi jiena kont mizzewga lil Adrian Pace. Izzewwigna fit-3 ta' Marzu 1990. Konna sseparajna legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja fid-9 ta' April 2002 (kopja annessa). Pero` bhala stat ta' fatt konna ilna separati minn Settembru 2000 meta jiena tlaqt mid-dar matrimonjali. Fid-dar matrimonjali 'Maranth', Triq Nazju Ellul. Gzira, baqa` jghix il-konvenut Adrian Pace. Mill-mument illi nfridna ma kien hemm ebda kuntatt fiziku jew sesswali bejnietna u konna nitkellmu biss bl-Avukati.*

*Illi kont iltqajt mal-konvenut Louis Camilleri f'Marzu 2001 u bdejna nohorgu flimkien u zviluppajna relazzjoni bejnietna. Binti Francesca Pace, twieldet fil-25 ta' April 2002 u l-missier naturali taghha huwa l-konvenut Louis Camilleri. Fil-fatt Adrian Pace lanqas biss qatt raha b'ghajnejh.*

*Il-konvenut Louis Camilleri jaghraf lil binti Francesca bhala bintu u jagixxi fil-konfront taghha bhala missier. Anke meta ghammidniha fil-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar kien Louis Camilleri u l-familjari tieghu li attendew u mhux il-konvenut Adrian Pace. Louis Camilleri jghin u jassisti fil-bzonnijiet kollha u t-trobbija ta' binti Francesca, bhala missierha.*

*Il-familjari taz-zewg nahat u cjoe` kemm tieghi u ta' Louis Camilleri jaghrfu u jirrikonoxxu li huwa Louis Camilleri l-missier ta' Francesca. Francesca lil Louis Camilleri ssejjahlu 'papa' u l-parrini kienu hija, Alex Sammut u oht Louis Camilleri, Mariella Dougall. Fl-okkazjonijiet kollha tal-familja taghna ahna niltaqghu kemm ghand il-familjari tieghi u kif ukoll ta' Louis flimkien mat-tifla taghna Francesca, u kulhadd, inkluz familjari u hbieb, jaghraf u jirrikonoxxi dan l-istat ta' fatt."*

Illi l-**konvenut**, Louis Camilleri fl-affidavit tieghu jghid:-

*"Illi jiena kont iltqajt ma' Isabelle Pace f'Marzu 2001. Ahna konna nohorgu flimkien u sussegwenti stabbelejna relazzjoni flimkien illi ghadha ssehh sal-gurnata ta' llum. Jiena kont guvni filwaqt illi kont naf li Isabelle kienet isseparat minn ma' zewgha, Adrian Pace.*

*Illi mir-relazzjoni taghna ahna kellna tarbija – Francesca – illi twieldet fil-25 ta' April 2002. Jiena ridt illi din it-tarbija titnizzel fuq ismi mill-ewwel bhala missier izda gie lili spjegat illi legalment dan ma kienx possibbli peress illi Isabelle ma kenitx ghadha legalment separata minn ma' Adrian Pace.*

*Illi jiena naghraf u nirrikonoxxi lil Francesca bhala binti, assistejt l-Isptar San Luqa meta twieldet, u mill-ewwel jum dejjem hadt hsieb il-bzonnijiet kollha taghha u agixxejt fil-konfront taghha bhala missier. Anke hi ssejjahli 'papa'.*

*Illi naf ukoll illi Isabelle qatt ma regghet kellha x'taqsam ma' Adrian Pace wara illi dawn kienu sseparaw fattwalment u hu lanqas biss qatt, sa fejn naf jien, ra lil binti, Francesca.*

*Illi kont assistejt ukoll ghall-maghmudija ta' Francesca fil-Knisja tan-Naxxar. Il-familjari taz-zewg nahat u cjoe` kemm tieghi u ta' Isabelle Pace jaghrfu u jirrikonoxxu li jien il-missier ta' Francesca. Il-parrini kienu Alex Sammut, hu Isabelle Pace u ohti, Mariella Dougall. Fl-okkazjonijiet kollha tal-familja ahna niltaqghu kemm ghand il-familjari tieghi u kif ukoll ta' Isabelle flimkien mat-tifla taghna Francesca, u kulhadd, inkluz familjari u hbieb, jaghraf u jirrikonoxxi dan l-istat ta' fatt."*

## ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi l-attrici qed titlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li bintha, Francesca Pace hija l-wild naturali u biologika tal-konvenut, Louis Camilleri u mhux tal-konvenut l-iehor Adrian Pace u li, konsegwentement tordna li fic-certefikat

tat-twelid tieghu, li jgib in-numru 1852/2002, l-paternita' tal-missier proprja tigi rikonoxxuta.

Illi jidher car li l-attrici qed tipprevalixxi ruhha mill-**artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*"Il-legittima' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibbilta' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li la darba l-attrici hija omm l-istess tarbija, u dan huwa pacifiku f'din il-kawza, hija ghandha kull interess ghall-istess bintha li jigi indikat l-missier proprju tal-istess tarbija, u dan apparti l-fatt li jidher li l-attrici istitwiet din il-kawza ghan-nom tal-istess minuri, u taht dan l-aspett ma hemm l-ebda dubju li l-istess minuri ghandha interess qawwi li tistabbilixxi l-verita' dwar il-paternita' taghha, u dan dejjem fl-ambitu tar-regoli stabbiliti fil-ligi nostrali, w in partikolari jehtieg li tigi sorvolata d-disposizzjoni tal-**artikolu 81 tal-Kap 16** li tipprovdi li:-

*(1) "Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat tal-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma l-att tat-twelid tieghu".*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipproteggi l-istat ta' legittimita' tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat ta' l-istess minuri huwa konformi ma' l-istess diskrezzjoni wkoll tal-hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben jew bint l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. F.G. C. 10 ta' Mejju 1996) inghad li:-

*“Dak li jissejjah ir-‘raison d’etre’ ta’ din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkummenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan … … …”. “Egli ha osservato esistere nell’ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita’ dal talamo a per il rispetto della fedelta’ coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l incarnazione della formula solenne ‘pater is est quem justae nuptiae demonstrat’. A questo principio, che non e’ tanto un dettato dell’ antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall’ esperienza di molti secoli, si e’ attentuato il legistatore patrio, e percio’ nell’ articolo 159, che il marito e’ padre del figlio concepito durante il matrimonio”* - (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76).

Illi in effetti l-**artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorrispondi mal-artikolu 159 tal-Kodici Taljan) jipprovdi li:

*“L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu”.*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ittentata mill-attrici ghan-nom tal-minuri hija wahda minn tlett azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita’ ta’ l-ulied u cjoe’:

(a) L-azzjoni ta’ diskonoxximent jew ta’ *denegata paternita’* a bazi ta’ l-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa indikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-presunzjoni *“pater est quae iustiae demonstrat”,* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta’ l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* ta’ l-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta’ iben legittimu u

ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni nghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952):-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi".*

*"It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibbilta' fizika ta' koabitazzjoni tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza".*

*"Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibbilta' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. A. J. M. 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu il-possibbilta' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali ta' l-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata*

*qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibbilta' li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta' impunjazzjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess minuri peress li hija disponibbli ghal min ghandu interess, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni abbazi ta' l-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jistax jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess ta' l-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittenta skond l-**artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond l-**artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d)* *Illi huwa jkun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA. (RCP) 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** ma' l-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibbilta' fizika, hija wkoll kondizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatti fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna indikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss ma' l-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, <u>hadd</u> ma jista' jattakka dan l-istat a bazi ta' l-**artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie ukoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti ta' l-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun*

*gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi "**Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. RCP deciza fl-1 ta' Marzu 2001 – Cit. Nru: 1841/98/RCP); "**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et**" deciza fil-5 ta' Lulju 2001 - Cit Nru 190/97/RCP, u "**Francis sive Frank Xuereb vs Maria Bonello et"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002 - Cit Nru: 1778-01); **"Francis sive Frank Xeureb vs Maria Bonello et"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002), **"Ahmed Mohammed vs Fatiha Khallouf"** (P.A. (RCP) 26 ta' Gunju 2002); **"Saviour Micallef vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** P.A. (RCP) 27 ta' Gunju 2002); u **Mary Jacqueline Fenech vs Victor Fenech *et*"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) u ohrajn.

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta mill-provi prodotti li l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut, Louis Camilleri minn Marzu 2001 u dan wara li kienet telqet mid-dar matrimonjali f'Settembru 2000.

Illi sinfikanti huwa l-fatt li din il-versjoni tal-attrici hija kkorroborata mill-konvenut, Adrian Pace, a fol. 46 tal-process, fejn jirrikonoxxi dan l-istat ta' fatt, u ammetta li kellu relazzjoni intima ma' l-istess attrici, li minnha twieldet l-istess minuri, u dan wara li l-attrici kienet separata *de facto* minn ma' zewgha minn Settembru tas-sena 2000, ghalkemm isseparaw legalment biss fid-9 ta' April 2002.

Illi fil-fatt huwa sintomatiku li bejn il-partijiet kollha involuti f'dan il-kaz, huwa pacifiku li l-istess tarbija dejjem giet mantnuta mill-attrici u mill-konvenut Louis Camilleri, u l-konvenut l-iehor qatt ma wera l-inqas interess fiha, proprju ghaliex kien jaf li din ma hijiex tieghu. Tant huwa minnu dan li l-istess konvenut Adrian Pace ghadu sa llum imantni l-istess tarbija.

Illi dawn il-provi fuq isemmija, li *di piu`* ma humiex kontradetti fl-istess kawza, infatti huma ta' mportanza vitali ghad-determinazzjoni ta' dan il-kaz, minn fejn jirrizulta li l-istess minuri dejjem giet trattata bhala bint il-konvenut Louis Camilleri, u fil-fatt l-istess minuri hija mantnuta mill-istess konvenut u l-attrici, w imrobbijja minnhom. Illi huwa nkontradett li l-konvenut Louis Camilleri, il-missier, dejjem tratta lill-minuri bhala bintu u pprovda dejjem ghall-manteniment taghha, huwa maghruf dejjem bhala tali minn terzi, u mill-familja, u ghalhekk certament li l-pussess ta' stat ta' bint legittima ma jinkorrix f'dan il-kaz, ghar-rigward ta' l-istess minuri, u fil-fatt bla tlaqliq huwa ddikjara li dejjem refa' u qed jerfa' r-responsabbiltajiet kollha ta' l-istess parentela. (**"Doris Grech vs Joseph Bugeja et"** – P.A. (FGC) 27 ta' Novembru 1998).

Illi tali prova kontrarja ghal tali stat ta' legittimita' tista' tingieb *ai termini* ta' l-**artikolu 83** b'xhieda *"li turi min jitlob l-istat mhux bin il-mara illi huwa jghid li hija ommu, inkella, meta hija ppruvata l-maternita', <u>illi mhux bin zewg ommu"</u>.*

Illi tul dan iz-zmien kollu l-konvenut, Louis Camilleri dejjem agixxa bhala l-missier ta' l-istess tarbija, u dejjem irrikonoxxa r-rwol ta' missier l-istess tarbija, kemm waqt it-tqala, inkluz fil-maghmudija tal-istess minuri, kemm wara sa llum u mit-twelid ta' l-istess tarbija hija u l-konvenut Louis Camilleri dejjem hadu hsieb l-istess tarbija, u s-sitwazzjoni ghadha hekk sa llum.

Illi apparti dan hemm id-dikjarazzjoni ta' l-istess omm, li ghalkemm wahedha ma hijiex bizzejjed *ai termini* ta' l-**artikolu 70 (2) tal-Kap 12,** xorta ghandha mportanza massima f'dawn il-materji, specjalment meta hija kkorroborata minn xhieda ohra, bhal tal-familjari taghha u l-partijiet fil-kawza, u dan ghandu jwassal ghall-konkluzjoni li l-prova permezz ta' xhieda tkun ukoll saret f'dan is-sens. **("George Grech vs Nazzareno Grech"** - P.A. (N.A) 30 ta' April 1998 - Citaz. Numru. 2011/96 u **"Noelle Spiteri et vs Ernest Cilia et"** - P.A. (NA) tat-30 ta' Jannar 1998 - Citaz. Nru. 979/97/NA; u **"Mario Attard Flores vs Theresa Attard Flores et"** – P.A. (RCP) 2 ta' Dicembru 1998- Citaz. Numru. 2488/97/RCP.)

Illi dwar l-interpretazzjoni ta' l-**artikolu 77** u dwar il-kuncett ta' *"mpossibbilta' fizika"* hemm indikata, wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Ronald Bray vs Charmaine Bray et"** (P.A. (NA) 19 ta' Novembru 1997) fejn inghad li *"l-impossibbilta' fizika li ghaliha hemm riferenza ghandha tkun wahda li setghet taffetwa b'xi mod il-koncepiment tat-tarbija".* (**"Noelle Spiteri vs Ernest Cilia"; "Ivan Felice vs Goerge Valletta"** P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000.).

Illi dawn il-principji gew ilkoll applikati fil-kawzi fl-ismijiet **"Malika Cachia Ejjebili et nomine vs Ahmed Kamel El Din et"** (P.A. (RCP) 26 ta' Jannar 2000 - Citaz. Nru. 1450/98/RCP) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000 - Citaz. Numru 1839/97/RCP) fejn inghad:-

*"Illi f'dan l-isfond wiehed jirreferi wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku" (F.G.C. 10 ta' Mejju 1996)** fejn inghad illi l-attur "ghandu nteress li jattakka l-legittimita' tat-tifla minuri" u dan jekk jipprova dak li hemm indikat fl-**Artikolu 77 tal-Kap 16 .** Illi l-principju "pater is est quem justae nuptiae demonstrat" huwa rikonoxxut mill-ligi taghna permezz tal-**Artikolu 67** li jghid illi "l-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu" pero` "madankollu wiehed ma jistax ma jikkonsidrax li, aktar ma jghaddi z-zmien, aktar qeghda taqbad l-eghruq il-fehma li r-realtajiet bijologici u socjali jipprevalu fuq il-presunzjoni legali li 'pater est quem justae nuptiae demonstrant". Illi dan gie rikonoxxut anke bis-sentenza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-27 ta' Ottubru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **"Kroon vs The Netherlands"** fejn gie rikonoxxut legalment l-ezistenza ta' "family ties" anke bejn persuni li ma humiex mizzewgin, u ghalhekk il-frott tal-istess, ghandu jigi rikonoxxut bhala tali, ghaliex jirrispekja il-verita' attwali f'din il-kawza. Certament li dan kollu ma jsib l-ebda ostakolu bl-**artikolu 81".***

Illi ghalhekk *in vista* ta' dak fuq espost jidher li l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku kollha gew sodisfatti, ghaliex dak hemm eccepit

gie kollu kemm huwa pruvat u sodisfatt skond il-ligi nostrali kif iktar il-fuq esposta, u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigi milqugha.
Illi dwar il-kontro-talba tal-konvenut Adrian Pace jinghad li huwa ssitwixxa l-azzjoni ta' *denegata paternita'* li fil-kaz odjern twassal ghall-istess effetti tal-kawza attrici fis-sens li qed jitlob li huwa ma jigiex indikat izjed bhala missier ta' l-istess minuri ghaliex ma huwiex l-missier naturali tieghu u ghalhekk talab li jkun hemm l-indikazzjoni u l-korrezzjoni apposita fl-att tat-twelid ta' l-istess minuri. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti tali kontro-talba, ghalkemm ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet indikati f'din id-decizjoni dwar ic-citazzjoni attrici, fl-isfond tal-kawza attrici hija zejda, u ghalhekk l-ispejjez ta' l-istess kontro-talba ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenut Adrian Pace.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, Louis Camilleri u fuq ammissjoni tal-konvenut, Adrian Pace (*stante* li n-nota ta' l-eccezzjoni tieghu taderixxi mat-talbiet attrici, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku biss in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri Francesca Pace huwa l-konvenut, Louis Camilleri u mhux il-konvenut l-iehor, Adrian Pace kif gie erronjament indikat fl-att tat-twelid ta' l-imsemmija minuri; u

2. Tordna lill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jannota d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid tal-minuri Francesca Pace (Att Numru 1852/2002) billi fil-kolonna ta' isem il-missier, kif ukoll id-dettalji l-ohra relattivi, ihassar isem il-konvenut, Adrian Pace, u jissostitwih bl-isem u d-dettalji tal-konvenut l-iehor, Louis Camilleri li ghandu l-karta tal-Identita' Numru 651158 (M), b'dan li l-istess Louis Camilleri ghandu jigi indikat bhala l-missier ta' l-istess minuri.

Illi l-Qorti tordna ukoll *ai termini* ta' l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16** a spejjez ta' l-istess.

Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez tac-citazzjoni attrici dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess attrici proprju u mill-konvenut Louis Camilleri, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenuti l-ohra.

Illi dwar il-**kontro-talba tal-konvenut Adrian Pace,** din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni ta' l-attrici, u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku biss in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet tal-konvenut fil-kontro-talba tieghu** b'dan illi:-

(1) Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenut rikonvenjenti Adrian Pace mhux il-missier naturali tal-minuri Francesca Pace kif dikjarat fl-Att tat-Twelid relattiv bin-Numru 1852/2002.

(2) Tordna li konsegwentement u in konformita' mat-talbiet attrici l-isem ta' l-istess konvenut Adrian Pace ma jigix indikat bhala l-missier ta' l-istess minuri, b'dan li kull riferenza ghall-istess Adrian Pace bhala l-missier ta' l-istess tarbija fic-certifikat tat-twelid imsemmi ghandha tigi kancellata u sostitwieta bid-dettalji tal-konvenut l-iehor, Louis Camilleri, li ghandu l-karta tal-Identita' Numru 651158 (M), b'dan li l-istess Louis Camilleri ghandu jigi indikat bhala l-missier ta' l-istess minuri.

Illi l-Qorti tordna ukoll *ai termini* ta' l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxar (10) t'ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri,

bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16** a spejjez ta’ l-istess.

Illi dwar il-kap ta’ l-ispejjez tal-kontro-talba tal-konvenut, Adrian Pace dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess konvenut Adrian Pace *in toto.*

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------